# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri

## Laqgħa Nru. 44 (Is-Seba' Terminu)

Data: L-Erbgħa 31 ta' Awwissu, 2016

Hin: 7.00pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |
| | Sur Ruben Cassar | - Segretarju Eżekuttiv |

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Jum L-Għasri;
6. Offerta Nru 2016-01
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Materja oħra;
9. Aġġornament.

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 • Fax: (+356) 21558655 • email: ghasri.lc@gov.mt • www.ghasri.com

## 1. Talba

**1.01** Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-43

**2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.01** Ma kienx hemm punti diskussi mill-laqgħa preċedenti u għalhekk il-laqgħa kompliet skond l-Aġenda.

## 4. Korrispondenza

**4.01** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 8/2016 – Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunita – Librerij Lokali/Reġjonali. Il-Kunsill irċieva minn għand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-applikazzjoni tiegħu għal din l-iskema ġieta approvata. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-librara għandha tieħu ħsieb sabiex jinxtraw il-kotba.

**4.02** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 11/2016 – Inizjattiva Finanzjarja – Espressjoni ta' Interess għall-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilita (l-aħħar sejħa). Il-Kunsill qabel li għandna napplika għal din l-iskema.

**4.03** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 12/2016 – Petizzjoni dwar Kontravenzjonijiet

**4.04** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 13/2016 – Skart tal-WEEE trasferit fis-Civic Amenity Sites

**4.05** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 14/2016 – Procurement Policy Notes

**4.06** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 15/2016 – Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid u l-importanza li jkun hemm handover u audit.

**4.07** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill huwa mitlub li jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv ikun imsiefer jew ikun indispost għal żmien twil il-Kunsill ikun xorta jista' jibqa' jiffunzjona. Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra s-Sur Ivan Attard ġie nominat bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din in-nomina.

**4.08** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 17/2016 – Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn membri u Kunsillieri

**4.09** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 18/2016 – Ordijiet Permanenti li fuqhom għandhom jitmexxew il-Laqgħat tal-Kunsill Lokali

**4.10** Dipartiment għall-Gvern Lokali – Direttiva 2/2016 – Komunikazzjoni effiċjenti minn u mad-Dipartiment

**4.11** Dipartiment għall-Gvern Lokali – Direttiva 3/2016 – Arranġamenti Finanzjarji bejn il-LESA, il-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali

**4.12** Birdlife Malta infurmaw lill-Kunsill dwar tabella ta' informazzjoni li se tiġi installata fl-inħawi ta' Wied il-Mielaħ. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni biex teħel din it-tabella.

**4.13** Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar diversi korrispondenza (imejls) li għaddiet bejn il-Kunsill, l-Ministeru għal Għawdex u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma. Il-Kunsill qed jikkordina flimkien ma' dawn l-entitajiet sabiex isir water culvert fi Triq Wied l-Għasri kif ukoll fi Triq il-Ġonna u b'hekk intaffu mill-problema tal-għargħar u anke l-wiċċ tat-triq jibqa aktar tajjeb.

Ser isir ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq water culvert ieħor li hemm fl-inħawi ta' Triq Għammar.

Il-Kunsill qed jikkordina wkoll sabiex parti minn Triq il-Fenek tingħata wiċċ bil-konkos 'l ġewwa minn fejn sar it-tarmak.

Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu ikompli jikkordina sabiex dawn ix-xogħlijiet isiru fl-iqsar żmien possibbli. Il-Kunsill qabel ukoll li fejn ikun hemm bżonn jekk minn naħa tal-Ministeru ma jkunux jistgħu jixtru l-materjal huma dan jinxtara minn naħa tal-Kunsill. Ħafna mix-xogħol imsemmi qed isir mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.

**4.14** Ryan Schembri minn NET TV talab lill-Kunsill sabiex nagħtuh dettalji dwar persuna jew persuni li jistgħu jiġu intervistati waqt programm televiżiv. Sintendi din il-persuna trid tkun taf tajjeb dwar il-lokalita' tagħna. Il-Kunsill qabel li nipproponu lil Toni Calleja u George Attard.

## 5. Jum L-Għasri

**5.01** Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar l-attivitajiet li għandhom isiru biex infakkru Jum L-Għasri li huwa t-28 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li l-attivita issir nhar is-Sibt 24 ta' Settembru fejn issir l-Quddiesa fis-6.30pm fil-Knisja Parrokjali u wara serata kulturali fil-Pjazza s-Salvatur. Kif sar dan l-aħħar snin il-Kunsill qabel li din l-attivita tiġi organizzata flimkien mal-Kumitat tal-Festa li minn naħa tagħhom jieħdu ħsieb l-armar u dawl dekorattiv. Il-Kunsill qabel ukoll li bħala entertainment inġibu grupp folkloristiku u lil DJ Hacker li jkollu ukoll PA System. Rigward l-ikel il-Kunsill qabel li nordnawh għand Joseph Mercieca u Country Terrace.

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-Premju Ġieħ L-Għasri u qabel li jwaqqaf Sotto Kumitat sabiex jagħżel persuna li tingħata dan il-premju. Is-Sindku se jieħu ħsieb sabiex jikkordina ma' dan is-Sotto Kumitat.

Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-avviżi u xogħlijiet meħtieġa sabiex din l-attivita tkun tista' tiġi organizzata.

## 6. Offerta – Street and Road Cleaning Services in an Environmentally Friendly Manner at L-Għasri, Gozo Attivitajiet

**6.01** Il-Bord ta' Evalwazzjoni għadda lill-Kunsill ir-rapport tiegħu dwar din l-offerta u qabel li l-uniku offerta li irċieva l-Kunsill kienet ta' Godfrey Borg u hija skond l-ispeċifikazzjonijiet mitluba u għalhekk qed jirrakkomanda li tiġi aċċettata. Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta din l-offerta ta' Godfrey Borg għall-ammont ta' €9085 (VAT esklużż). Ser isir il-proċess sabiex jiġi iffirmat il-kuntratt għal dan is-servizz.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**7.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-044 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 8. Materja oħra

**8.01** Is-Sindku ippropona sabiex isir gandott għall-ilma tax-xita fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima biex isir dan il-gandott. Is-Sindku se jikkordina mal-Perit tal-Kunsill biex issir stima għal dan il-gandott għall-ilma tax-xita

**8.02** Is-Sindku informa lill-Kunsill li dwar it-twessigħ ta' Triq Wied l-Għasri ser ikun hemm bżonn li nixtru xi planki peress li hemm il-ġibja u għalhekk parti mit-triq se tkun tgħaddi minn fuq il-ġibja. Il-Perit tal-Kunsill qed jaħdem stimi kemm jekk isir bejt bil-konkos kif ukoll jekk isiru bil-planki u jirriżulta li bil-planki jiġi ferm orħos. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol malajr kemm jista' jkun biex jitneħħa kull periklu. Is-Sindku qed jikkordina flimkien mal-Perit u l-kuntrattur biex jitlesta dan ix-xogħol.

**8.03** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva kwotazzjoni oħra għall-bank biex jeħel fi Triq il-Fanal. Il-kwotazzjoni hi ta' JGC Ltd. Il-prezz ta' dan il-bank hija ta' €250. Il-Kunsill qabel li nordnaw dan il-bank.

**8.04** Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien għaddej b'kuntatti biex isir tindif ta' Wied l-Għasri. Ix-xogħol ser isir minn kuntrattur li għandu bżonn il-materjal (ġebel u terrapien) u għalhekk se jieħu t-terrapien li intefa' matul iż-żminijiet fil-wied mingħajr l-ebda spejjeż għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan it-tindif.

**8.05** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Projector li kienet intbgħatet għat-tiswija mhux qed taħdem tajjeb. Din qed ġieli tixgħel u wara ftit tintefa', drabi oħra ma tixgħel xejn u xi drabi tixgħet normali. Meta inbgħatet għat-tiswija għand ScanMalta huma infurmawna li għandha ħsara fil-mother board u mhux vijabbli li titranġa peress li bl-ispejjeż li tonfoq tixtri waħda ġdida li tkun ferm aħjar. Il-Kunsill qabel li nordnaw Projector ġdida minn għand ScanMalta għal prezz ta' €339.

**8.06** Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw trasport għat-tfal li jmorru skejjel tal-Knisja u għalhekk ma jkollhomx trasport ipprovdut mill-Gvern. Il-Kunsill qabel li għandna nissussidjaw dan it-trasport.

**8.07** Il-Kunsill qabel li għandu jiġi organizzat kors tal-ħjata kif sar dan l-aħħar snin. Il-kors ser isir minn Margaret Debono. Il-miżata se tkun ta' €15 għall-sena skolastika u l-anzjani ma jħallsu xejn. Se jsiru l-avviżi biex ir-residenti japplikaw għal dan il-kors.

**8.08** Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud offriet li tagħmel kors dwar Card Making. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu l-avviżi dwar dan il-kors. Il-Kunsill qabel li dan ikun bla ħlas għal kulħadd.

**8.09** Il-Kunsillier Joseph Farrugia ippropona sabiex Triq il-Fanal (l-aħħar parti) tingħata kisja tarmak. Is-Sindku informa lill-Kunsill li finanzjarment mhux possibbli li din issir mill-Kusnill. Fil-fatt ftit tax-xhur ilu l-Kunsill waqt laqgħa mal-Ministru għal Għawdex kien talab l-għajnuna biex din tkun tista' issir. Il-Kunsill kien applika għall-fondi speċjali iżda l-applikazzjoni ma kienitx ġiet aċċettata. Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-futur qrib huwa mistenni li jinħarġu sejħiet għall-fondi tal-EU u li inkunu nistgħu napplikaw għal dan il-għan. Għalhekk l-ewwel opportunita li jkolna din it-triq hija l-prijorita tal-Kunsill biex tingħata kisja tarmak.

## 9. Aġġornament.

**9.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2016 fis-7.00pm.

**9.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 31 ta' Awwissu, 2016